IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 205 final

2020/0087 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumiex tal-Unjoni

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Jeħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku jiġi kkoreġut biex is-sajjieda involuti fis-sajd fuq skala żgħira jitħallew jibqgħu jużaw il-konzijiet tal-wiċċ matul il-perjodi tal-għeluq tas-sajd minħabba l-istaġun tar-riproduzzjoni stabbiliti għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Is-soltu, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

Il-miżuri proposti huma mfasslin skont l-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

• Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma’ politiki oħrajn tal-Unjoni, b’mod partikulari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta’ din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni li tisfrutta b’mod sostenibbli r-riżorsi akkwatiċi ħajjin ġejjin mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost huwa Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis il-kummenti li l-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għamlu matul is-sena, u l-kummenti tagħhom tqiesu meta kienu qed jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta tissejjes fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)[1].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jemendaw ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 kif deskritt hawn taħt.

<u>Derogi mill-għeluq tas-sajd għall-bakkaljaw bil-konzijiet tal-wiċċ fil-Baħar Baltiku</u>

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 jistabbilixxi perjodi tal-għeluq tas-sajd għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku matul il-perjodu tar-riproduzzjoni biex ikun żgurat li dan ikun jista' jbid bla xkiel bil-għan li iktar bakkaljaw isalva. Bħalma ġara fl-imgħoddi, ingħatat deroga mill-perjodu tal-għeluq tas-sajd għas-sajd kostali fuq skala żgħira b'ċertu rkaptu passiv minħabba li l-impatt tiegħu fuq ir-riproduzzjoni tat-tali stokkijiet huwa limitat ħafna. Għall-kuntrarju ta' dak li ġara fl-imgħoddi, id-deroga għall-użu tal-konzijiet tal-wiċċ tħalliet barra bla ħsieb. Qed jitqies li l-konzijiet tal-wiċċ għandhom jitħallew ikomplu jintużaw u għalhekk għandhom jiddaħħlu fid-deroga, kif sar fis-snin ta' qabel. Għalhekk ir-Regolament għandu jiġi kkoreġut kif xieraq.

<u>Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana</u>

Huwa stmat li r-rata ta' mortalità mis-sajd (F) tal-bakkaljaw hija ogħla mill-Flim. Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv naqset mill-2015 'l hawn u huwa stmat li l-livell tagħha huwa inqas mill-Blim. Skont l-Artikolu 7(2) tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana[2], meta l-parir xjentifiku jkun jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta'

---

[1] http://www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx.

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li

kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak il-pjan tkun taħt il-Blim, iridu jittieħdu miżuri ulterjuri ta' rimedju sabiex jiġi żgurat li l-istokk jirritorna malajr għal livelli li jkunu ogħla mil-livell li jkun kapaċi jipproduċi l-MSY. B'mod partikulari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet u/jew għal stokkijiet oħrajn li matul is-sajd għalihom jinqabad b'mod inċidentali l-bakkaljaw. Skont il-proċedura prevista fil-ftehimiet jew fil-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja[3], l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd ma' dan il-pajjiż. Il-Partijiet qablu li jirrakkomandaw lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom idaħħlu miżuri addizzjonali ta' rimedju biex jissupplimentaw it-TAC li kien intlaħaq qbil dwarha f'Diċembru tal-2019 sabiex, b'mod temporanju, fl-2020 tingħata iktar protezzjoni kemm lill-bakkaljaw adult u kemm lil dak li jkun għadu qed jikber. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-għeluq f'ħin reali biex jitħares il-bakkaljaw, l-għeluq staġonali biex jitħares il-ħut li jkun għadu qed jikber, żoni ristretti b'kundizzjonijiet speċifiċi tal-aċċess, u l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda bbażati fuq l-irkaptu tas-sajd. Minn fost dawn il-miżuri ta' rimedju, diġà ddaħħlet l-ewwel waħda, jiġifieri l-għeluq ta' ċerti żoni biex jitħares il-bakkaljaw li jkun qed ibid[4], u filwaqt li din hija mfassla b'tali mod li dan jitħares matul il-perjodu tar-riproduzzjoni, din ma tħarisx lill-ħut li jkun għadu qed jikber jew lill-ħut fil-perjodi 'l barra mill-perjodu tar-riproduzzjoni, li s-soltu jdum biss ftit ġimgħat. Filwaqt li l-perjodi tar-riproduzzjoni u l-postijiet fejn ibid il-ħut huma stabbiliti sew u għalhekk il-miżuri marbutin magħhom jistgħu jiġu implimentati malajr, hemm bżonn ta' konsultazzjonijiet iktar fil-fond mal-partijiet ikkonċernati dwar il-miżuri biex l-aċċess jiġi limitat għal ċertu tip ta' rkaptu biss u dwar l-introduzzjoni ta' rkaptu iktar selettiv. Għalhekk l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri f'din l-emenda tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għandha tiġi deċiża abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet.

Il-Kummissjoni ressqet proposta għat-tieni sett ta' miżuri fl-ewwel emenda tal-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, dak iż-żmien l-Istati Membri kkonċernati ppruvaw joħorġu b'Rakkomandazzjoni Konġunta biex jipproponu miżuri addizzjonali bl-użu ta' rakkomandazzjoni konġunta. Minħabba f'hekk il-Kunsill u l-Kummissjoni kienu ħarġu d-dikjarazzjoni konġunta li ġejja:

"*Il-Kummissjoni u l-Kunsill jissottolinjaw li huwa urġenti li jiġu introdotti miżuri ta' rimedju addizzjonali biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-Bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana u Skagerrak. L-adozzjoni ta' tali miżuri hija meħtieġa minħabba l-istat bijoloġiku tal-istokk, skont l-Artikolu 7, paragrafu 2 tar-Regolament (UE) 2018/973 li jistabbilixxi l-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana, u huwa konformi mal-fehim maqbul man-Norveġja għal tali miżuri. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippreżenta proposti xierqa, b'kont meħud tal-ħidma li saret fil-grupp reġjonali rilevanti, u l-Kunsill ser jeżaminahom bħala kwistjoni ta' urġenza.*"

S'issa l-Istati Membri kkonċernati ma għamlux biżżejjed progress li jippermetti li dawn il-miżuri jiddaħħlu fl-2020, hekk kif kienu ntrabtu li jagħmlu l-UE u n-Norveġja. Għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi li l-miżuri rilevanti jiddaħħlu fit-tieni emenda tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Din il-proposta ssegwi l-istess approċċ bħall-ewwel waħda, u tipprevedi żoni kbar ta' prekawzjoni b'kundizzjonijiet speċifiċi tal-aċċess. Il-proposta ġiet aġġustata wkoll biex tqis il-fehmiet tal-Istati Membri dwar żewġ kwistjonijiet partikulari. Issa fiha lista ta' rkaptu ddefinit minn qabel li jew ġie vvalutat minn qabel mill-STECF jew li

jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

[3] Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

[4] L-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123.

saritlu evalwazzjoni xjentifika bejn il-pari minn qabel. Il-proposta qed tkompli tieħu approċċ iktar flessibbli fil-każ tal-irkaptu li jissodisfa ċerti kriterji speċifiċi u qed temenda wkoll il-proċess li bih dan jiġi evalwat mill-STECF.

Permezz tal-approċċ il-ġdid, l-Istati Membri u l-operaturi għandhom żewġ għażliet — huma jistgħu jew jużaw wieħed mit-tipi ta' rkaptu ddefiniti minn qabel (bħala element ġdid) jew jużaw tip ta' rkaptu ġdid, u fl-istess ħin il-Kummissjoni tipprova tikseb l-opinjoni tal-STECF dwar dak it-tip ta' rkaptu partikulari. Jekk l-STECF ma jkunx favur dak l-irkaptu, dan ma għandux jibqa' jintuża. Bl-istess mod, il-proposta żżomm il-possibbiltà li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet biex jiġi evitat li jinqabad il-bakkaljaw, iżda minflok ma jistennew il-pariri tal-STECF dwarhom qabel ma jimplimentawhom, se jistaqsu għal dawn il-pariri fl-istess ħin. F'każ li l-valutazzjoni tal-STECF dwarhom ma tkunx waħda favorevoli, l-Istati Membri se jkunu obbligati jemendawhom kif xieraq.

Il-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant

Fid-9 ta' Marzu 2020, l-ICES ħareġ il-parir tiegħu dwar il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (fl-Iskagerrak, fil-Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, ġiet stabbilita allokazzjoni ta' 3 266 tunnellata għall-UE b'rabta mal-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak.

Il-laċċ ikħal fil-Baħar tat-Tramuntana u fiż-żona 3a

Il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fiż-żona 3a huwa speċi b'ħajja qasira u l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku annwali tiegħu dwaru fl-14 ta' April 2020. Minn April tal-2019 'l hawn, l-ICES beda joħroġ parir wieħed għal-laċċ ikħal fiż-żona 3a u għal dak fil-Baħar tat-Tramuntana minħabba li dan jitqies li huwa stokk bijoloġiku wieħed. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 stabbilixxa t-TAC għal-laċċ ikħal fiż-żona 3a għall-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2020. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 stabbilixxa limitu ta' żero għall-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021. Għalhekk il-qabdiet tal-laċċ ikħal fil-Baħar tat-Tramuntana għandhom jiġu emendati skont l-aħħar parir xjentifiku tal-ICES u wara li jsiru konsultazzjonijiet man-Norveġja dwar dan.

It-TAC għal-laċċ ikħal fiż-żona 3a għall-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 għandha tiġi stabbilita skont l-aħħar parir xjentifiku tal-ICES għall-perjodu li għalih jingħata dak il-parir, wara li jsiru konsultazzjonijiet man-Norveġja dwar dan. Qed jingħata kodiċi temporanju speċifiku tar-rappurtar għal dan il-għan għal-laċċ ikħal u għall-qabdiet aċċessorji marbutin miegħu fiż-żona 3a.

Il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar tat-Tramuntana huwa speċi b'ħajja qasira u l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku annwali tiegħu dwaru fl-14 ta' April 2020.

L-inċova

Sa ma jingħata l-parir xjentifiku għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, ġiet stabbilita TAC ta' żero għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għal dak il-perjodu. L-ICES se joħroġ il-parir tiegħu għal dan l-istokk fi tmiem Ġunju tal-2020 biss. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jitkomplew sa ma tiġi stabbilita t-TAC abbażi tal-aħħar parir xjentifiku, għandha tiġi stabbilita TAC provviżorja ta' 4 018-il tunnellata, abbażi tal-qabdiet li saru fit-tielet kwart tal-2019. Dik it-TAC imbagħad tiġi emendata skont il-parir xjentifiku tal-ICES.

L-aringi fil-Baħar tat-Tramuntana

Fir-Rekord Maqbul tad-19 ta' Diċembru 2019 bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja għall-2020, il-Partijiet qablu li minbarra l-50 000 tunnellata ta' aringi (*Clupea harengus*) li n-Norveġja tista' tistad mill-kwota tagħha fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b u li l-UE tista' tistad fl-ilmijiet Norveġiżi, se tingħata wkoll kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk iż-żewġ Partijiet jitolbu t-tali żieda. Il-liġi tal-Unjoni trid tirrifletti t-tali ftehim.

<u>L-SPRFMO</u>

Waqt il-laqgħa annwali tagħha ta' Frar tal-2020, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat limiti ġodda tal-qbid għas-sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*). Il-miżuri applikabbli għandhom jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni.

<u>In-NAFO</u>

Waqt il-laqgħa annwali tagħha li saret bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 2019, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) iddeċidiet li tagħlaq l-istaġun tas-sajd għall-fonsa l-ħamra tat-tip *Beryx splendens* fis-subżona 6 tan-NAFO minħabba li jaf naqas l-istokk tagħha. Għalhekk dawn il-miżuri għandhom jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni. Għalhekk il-lista tal-ispeċijiet ipprojbiti għandha tiġi emendata kif xieraq biex tkun tirrifletti din il-projbizzjoni.

<u>L-ICCAT</u>

Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) daħħlet it-TAC għall-2020 għall-pixxispad tal-Mediterran permezz tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tagħha. Din it-TAC iddaħħlet fil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, f'Jannar tal-2020 is-Segretarjat tal-ICCAT ħareġ linji gwida għall-kalkolu tat-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*). Minħabba f'hekk, il-kwota tal-UE trid tiġi aġġornata kif xieraq.

<u>L-IOTC</u>

Waqt il-laqgħa annwali tagħha li saret bejn is-17 u l-21 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (IOTC) adottat limiti ġodda tal-qbid għat-tonn l-isfar (*Thunnus albacares*) li ma jaffettwawx il-limiti tal-qbid tal-Unjoni fil-kuntest tal-IOTC. Madankollu, hija adottat miżuri li jnaqqsu l-possibbiltajiet li jintużaw il-kannizzati, il-bastimenti tal-provvista u l-bagi strumentati. Għalhekk ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 għandu jiġi emendat ukoll biex ikun żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jkunu jirriflettu sewwa d-deċiżjonijiet li ħadu l-Partijiet tal-IOTC.

<u>Is-SIOFA</u>

Waqt is-sitt laqgħa normali tal-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA), li saret bejn l-1 u l-5 ta' Lulju 2019, ittieħdu deċiżjonijiet dwar miżuri marbutin mas-sajd tal-qiegħ u dwar il-limitazzjoni tal-isforz fiż-Żona tal-Ftehim. Il-miżuri li ntlaħaq qbil dwarhom waqt dik il-laqgħa għandhom jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni. Il-miżuri ta' implimentazzjoni attwali għandhom jiġu aġġornati biex ikunu jirriflettu l-miżuri marbutin mal-limiti fuq is-sajd tal-qiegħ li ntlaħaq qbil dwarhom waqt dik il-laqgħa.

<u>Il-liċenzji tas-sajd għall-isnapper fil-Guyana</u>

Il-Kummissjoni Ewropea tagħti liċenzji tas-sajd lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Venezwela biex dawn ikunu jistgħu jistadu għall-isnapper fl-ilmijiet Ewropew 'il barra mill-kosta tal-Guyana. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jipprevedi l-għoti ta' 45 liċenzja, iżda biex jinħarġu dawn l-awtorizzazzjonijiet, trid tingħata prova li ġie konkluż kuntratt validu bejn sid il-bastiment u kumpanija tal-ipproċessar li tkun tinsab fil-Guyana. Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li l-ħidmiet tas-sajd jibqgħu għaddejjin bejn iż-żewġ perjodi koperti mill-kuntratti sa ma jitlestew il-proċeduri. Għalhekk ir-Regolament tal-

Kunsill (UE) 2020/123 għandu jiġi emendat kif xieraq biex ikun jirrifletti dawn il-miżuri.

Konsultazzjoni mar-Renju Unit

Minħabba li dan ir-Regolament għandu jiġi adottat matul il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni se tikkonsulta lir-Renju Unit dwaru skont l-Artikolu 130(1) ta' dak il-Ftehim.

2020/0087 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumiex tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838[5] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku. Huwa jistabbilixxi perjodi tal-għeluq tas-sajd minħabba l-istaġun tar-riproduzzjoni għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u jagħti deroga minn dan l-għeluq lill-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu b'ċertu rkaptu passiv. Is-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ mhux inkluż fid-deroga. Madankollu, qed jitqies li jenħtieġ li l-konzijiet tal-wiċċ jitħallew jintużaw u li għalhekk jenħtieġ li jiddaħħlu fid-deroga, kif sar fir-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd ta' qabel. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 jiġi emendat kif xieraq.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123[6] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(3) Ir-rata ta' mortalità mis-sajd (F) tal-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fil-Baħar tat-Tramuntana żdiedet mill-2016 'l hawn u huwa stmat li issa hija ogħla mill-Flim (jiġifieri mill-punt ta' referenza ta' limitu tar-rata ta' mortalità mis-sajd, li fit-tul se jwassal biex l-istokk bħala medja jkun daqs il-livell tal-Blim. Is-sajd f'livelli 'l fuq mill-Flim se jwassal biex l-istokk jonqos għal livell li jkun inqas mill-Blim). B'hekk il-bijomassa tal-istokk riproduttiv naqset mill-2015 'l hawn u huwa stmat li l-livell tagħha huwa inqas mill-Blim (jiġifieri mill-punt ta' referenza previst fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikulari f'dak tal-ICES, li taħtu l-kapaċità riproduttiva

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

tista' tonqos), filwaqt li ftit bakkaljaw kien qed isalva mill-1998 'l hawn, u fl-2016 u fl-2018 saħansitra kien ftit ħafna dak li salva.

(4) Skont l-Artikolu 7(2) tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana[7], meta l-parir xjentifiku jkun jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak il-pjan tkun taħt il-Blim, iridu jittieħdu miżuri ulterjuri ta' rimedju sabiex jiġi żgurat li l-istokk jirritorna malajr għal livelli li jkunu ogħla mil-livell li jkun kapaċi jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY). B'mod partikulari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew għal stokkijiet oħrajn li matul is-sajd għalihom jinqabad b'mod inċidentali l-bakkaljaw, jew it-tnejn li huma.

(5) Minħabba li l-grupp reġjonali tal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ma għamilx Rakkomandazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li ddaħħal miżuri tekniċi addizzjonali li huma konsistenti mad-dikjarazzjoni konġunta li hija kienet ħarġet mal-Kunsill[8], skont dak li kienu ntrabtu li jagħmlu l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja.

(6) Sabiex jonqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom hemm qabdiet totali permissibbli (TAC) stabbiliti għall-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għas-sajd li matulu jinqabad il-ħut minn dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu lill-bijomassa ta' dawn l-istokkijiet vulnerabbli tirkupra u tilħaq livelli sostenibbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miżuri tekniċi u ta' kontroll li jkunu marbutin mal-opportunitajiet tas-sajd mil-lat funzjonali, sabiex ma jkunx hemm skartar illegali tal-ħut. Skont l-istimi li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) għamel fil-ħarsa ġenerali tiegħu lejn is-sajd imħallat fil-Baħar tat-Tramuntana[9], jekk ma jinbidlux ix-xejriet tas-sajd u minħabba l-iskartar illegali tal-ħut, jinqabdu 40 000 tunnellata ta' bakkaljaw meta mqabbel mat-TAC ta' 17 679 tunnellata li kien hemm qbil dwarha għal dan l-istokk. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li l-qabdiet jaqbżu sew it-TAC maqbula, hemm bżonn jittieħdu miżuri addizzjonali biex ikomplu jiġu limitati l-qabdiet.

(7) Skont il-proċedura prevista fil-ftehimiet jew fil-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja[10], l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd ma' dan il-pajjiż. Il-Partijiet qablu li jirrakkomandaw lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom idaħħlu miżuri addizzjonali ta' rimedju biex jissupplimentaw it-TAC li kien intlaħaq qbil dwarha f'Diċembru tal-2019 sabiex, b'mod temporanju, fl-2020 tingħata iktar protezzjoni kemm lill-bakkaljaw adult u kemm lil dak li jkun għadu qed jikber.

---

[7] Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

[8] Ara d-dokument bin-numru ta' referenza ST 6841/20 REV1 ADD1.

[9] Ara l-paġni 3 sa 15 tal-parir tal-ICES ippubblikat fl-2019 imsejjaħ "ICES Greater North Sea Ecoregion - Fisheries overviews, including mixed fisheries considerations", li jinsab fit-Taqsima 9.2 tal-Parir tal-ICES għall-2019 mogħti fir-Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES tal-2019, li fih 42 paġna, li jinsab fis-siti web li ġejjin: https://doi.org/10.17895/ices.advice.5710 u http://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2019/2019/FisheriesOverview_GreaterNorthSea_2019.pdf.

[10] Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu jinkludu l-għeluq staġonali biex jitħares il-ħut li jkun għadu qed jikber, żoni ristretti b'kundizzjonijiet speċifiċi tal-aċċess u l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda bbażati fuq l-irkaptu tas-sajd, u li dawn ikunu jinkludu wkoll, b'mod volontarju u jekk l-operaturi individwali jkunu jixtiequ dan, l-għażla li jkollhom tagħmir installat biex is-sajd ikun iddokumentat għalkollox biex ikun jista' jkollhom aċċess għat-tali żoni ristretti.

(8) Fid-9 ta' Marzu 2020, l-ICES ħareġ il-parir tiegħu dwar il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (fl-Iskagerrak, fil-Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Abbażi ta' dak il-parir u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jixraq li l-kwota tal-Unjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES tiġi stabbilita bħala kwota ta' 3 266 tunnellata skont il-livell tar-rendiment massimu sostenibbli.

(9) Skont il-parir tal-ICES tal-14 ta' April 2020, jenħtieġ li bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2021 ma jinqabdux iktar minn XXX tunnellati ta' laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Norveġiż, fl-Iskagerrak u fil-Kattegat. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 2a tal-ICES (jiġifieri fil-Baħar Norveġiż), fis-subżona 4 tal-ICES (jiġifieri fil-Baħar tat-Tramuntana) u fid-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perjodu jiġu stabbiliti kif xieraq.

(10) Sa ma jingħata l-parir xjentifiku għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, ġiet stabbilita TAC ta' żero għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għal dak il-perjodu. L-ICES se joħroġ il-parir tiegħu għal dan l-istokk fi tmiem Ġunju tal-2020. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jitkomplew sa ma tiġi stabbilita t-TAC abbażi tal-aħħar parir xjentifiku, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC provviżorja ta' 4 018-il tunnellata, abbażi tal-qabdiet li saru fit-tielet kwart tal-2019. Dik it-TAC se tiġi emendata skont il-parir xjentifiku tal-ICES.

(11) Fir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet li saru fid-19 ta' Diċembru 2019 bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sajd għall-2020[11], il-Partijiet qablu li minbarra l-50 000 tunnellata ta' aringi (*Clupea harengus*) li n-Norveġja tista' tistad mill-kwota tagħha fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b u li l-Unjoni Ewropea tista' tistad mill-kwota tagħha fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N, se tingħata wkoll kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk in-Norveġja jew l-Unjoni Ewropea jitolbu dan. Dan il-ftehim irid jiddaħħal fil-liġi tal-Unjoni.

(12) Waqt il-laqgħa annwali tagħha tal-2020 li saret bejn l-14 u t-18 ta' Frar 2020, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) irrevediet il-miżura ta' konservazzjoni għas-sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*). Jenħtieġ li l-miżuri applikabbli jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni.

(13) Waqt il-laqgħa annwali tagħha li saret bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 2019, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) iddeċidiet li tagħlaq l-istaġun tas-sajd għall-fonsa l-ħamra tat-tip *Beryx splendens* fis-subżona 6 tan-NAFO minħabba li jaf naqas l-istokk tagħha. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-miżuri jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni u li l-lista tal-ispeċijiet ipprojbiti tiġi emendata kif xieraq.

(14) Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), li naqqset it-TAC għall-2020 għall-pixxispad tal-

[11] Mogħti fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/docs/body/2020-norway-fisheries-consultations-north-sea_en.pdf.

Mediterran, diġà ddaħħlet fil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, f'Jannar tal-2020 is-Segretarjat tal-ICCAT ħareġ linji gwida għall-kalkolu tat-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*). Minħabba f'hekk, il-kwota tal-UE trid tiġi aġġornata kif xieraq.

(15) Waqt il-laqgħa annwali tagħha tal-2019 li saret bejn is-17 u l-21 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (IOTC) adottat limiti ġodda tal-qbid għat-tonn l-isfar (*Thunnus albacares*) li ma jaffettwawx il-limiti tal-qbid tal-Unjoni fil-kuntest tal-IOTC. Madankollu, hija naqqset il-possibbiltajiet li jintużaw il-kannizzati, il-bastimenti tal-provvista u l-bagi strumentati. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jiġi emendat ukoll biex ikun żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jkunu jirriflettu sewwa d-deċiżjonijiet li ħadu l-Partijiet tal-IOTC.

(16) Waqt il-laqgħa annwali tagħhom ta' Lulju tal-2019, il-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) iddeċidew dwar miżuri marbutin mas-sajd tal-qiegħ u dwar il-limitazzjoni tal-isforz fiż-Żona tal-Ftehim. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 daħħal dawk il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li jsir iktar tibdil biex ikun żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jkunu jirriflettu sewwa d-deċiżjonijiet li ħadu l-Partijiet tas-SIOFA b'rabta mal-limiti fuq is-sajd tal-qiegħ.

(17) Il-Kummissjoni Ewropea tagħti liċenzji tas-sajd lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Venezwela biex dawn ikunu jistgħu jistadu għall-isnapper fl-ilmijiet Ewropew 'il barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jipprevedi l-għoti ta' 45 liċenzja. Biex jinħarġu dawn l-awtorizzazzjonijiet, trid tingħata prova li ġie konkluż kuntratt validu bejn sid il-bastiment u kumpanija tal-ipproċessar li tkun tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża. Matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni bejn sena w'oħra, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu għaddejjin il-ħidmiet tas-sajd b'ċerti kundizzjonijiet.

(18) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jiġi emendat kif xieraq.

(19) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 bdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jdaħħal dan ir-Regolament emendatorju marbutin mal-limiti tal-qbid jiddaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. It-tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.

(20) Ir-Renju Unit ġie kkonsultat skont l-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838

L-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana

1. Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħlief għas-sajd bi rkaptu pelaġiku (bit-tartaruni tal-borża u bix-xbieki tat-tkarkir), u l-perjodi li matulhom se jkunu magħluqa huma stabbiliti fl-Anness IV.

2. Il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni b'daqs minimu tal-malji ta' mill-inqas 70 mm u bl-għeżula u bil-konzijiet[12] ma għandhomx jitħallew jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4a tal-ICES fit-Tramuntana tal-latitudni 58° 30'00 N u fin-Nofsinhar tal-latitudni 61° 30'00 N, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a.20 tal-ICES (fl-Iskagerrak) u tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES fit-Tramuntana tal-latitudni 57° 00'00 N u fil-Lvant tal-latitudni 005 00'00 E.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-bastimenti tas-sajd imsemmijin f'dak il-paragrafu jistgħu jistadu fiż-żoni msemmijin fil-paragrafu 1, dejjem jekk dawn ikunu jissodisfaw tal-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma jkunux jaqbżu l-5 % tal-qabdiet kollha għal kull vjaġġ tas-sajd;

(b) jekk ikunu jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni rregolati u selettivi ħafna li, skont studju xjentifiku, jwasslu biex il-qabdiet tal-bakkaljaw jonqsu tal-inqas bin-nofs meta mqabbla ma' dawk ta' bastimenti li jistadu bi rkaptu li jkollu daqs tal-malji ta' 120 mm. L-STECF jista' jevalwa dawk l-istudji. Jekk, abbażi ta' evalwazzjoni tal-STECF dwaru li ma tkunx waħda favorevoli, dan l-irkaptu ma jkunx jista' jibqa' jitqies validu għall-użu fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 2;

(c) fil-każ tal-bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 100 mm jew iktar (tat-tip TR1), jekk dawn jużaw l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

– xbieki tat-tkarkir bis-sorra b'daqs minimu tal-malji fil-parti tas-sorra ta' 600 mm;
– maljetta mgħollija tal-kalar (0.6 m);
– xibka selettiva orizzontali li jkollha fetħa għall-ħrib b'malji kbar;

(d) fil-każ tal-bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 70 mm jew iktar iżda ta' inqas minn 100 mm (tat-tip TR2), jekk dawn jużaw l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

– għarbiel orizzontali bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut tond;

[12] Bil-kodiċijiet tal-irkaptu li ġejjin: OTB, OTT, OT, TBN, TBB, TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX, GN, GNS, LL u LLS.

– pannell Seltra b’malji kwadri ta’ 300 mm;

– għarbiel bi spazju ta’ bejn il-vireg ta’ mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut;

(e) jekk għalihom ikun japplika pjan nazzjonali biex jiġi evitat li jinqabad il-bakkaljaw li jkun imfassal b’tali mod li bih jinqabad tal-inqas 50 % inqas bakkaljaw milli jkun inqabad fl-2019 permezz ta’ miżuri tekniċi jew spazjali jew ta’ taħlita tat-tnejn li huma. It-tali pjanijiet għandhom jiġu vvalutati tal-inqas xahrejn wara li jiġu implimentati, fil-każ tal-Istati Membri tal-UE min-naħa tal-STECF, u fil-każ ta’ pajjiżi terzi min-naħa tal-korp xjentifiku rilevanti nazzjonali tagħhom, u għandhom jerġgħu jiġu riveduti jekk ikun hemm bżonn f’każ li t-tali valutazzjonijiet jindikaw li mhux se jintlaħaq l-għan li l-qabdiet tal-bakkaljaw jonqsu b’50 %;

(f) jekk ikollhom tagħmir elettroniku kkontrollat mill-bogħod installat fuqhom skont l-Artikolu 15(13) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex l-attivitajiet tas-sajd ikunu ddokumentati għalkollox.

4. Il-bastimenti msemmijin fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għandu jsirilhom iktar monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u għandha tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2(a) sa (e) ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu mmonitorjati u vverifikati permezz ta’ skema ta’ osservaturi xjentifiċi jew permezz ta’ spezzjonijiet fuq il-baħar b’analiżi tal-aħħar sett.”;

(2) l-Artikolu 16(1) huwa emendat kif ġej:

jiddaħħal il-punt (o) li ġej:

“(o) il-fonsa l-ħamra tat-tip *Beryx splendens* fis-subżona 6 tan-NAFO.”;

(3) l-Artikolu 27 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 27

Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema’ l-ħut u bastimenti tal-provvista

1. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu juża fl-ebda waqt iktar minn 300 irkaptu attiv mitluq għal riħu biex jinġema’ l-ħut.

2. Kull sena ma jistgħux jinxtraw iktar minn 500 baga strumentata għal kull bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jkollu fl-ebda waqt iktar minn 500 baga strumentata (kemm maħżuna u kemm li jkunu qed jitħaddmu).

3. Ma għandux ikun hemm iktar minn żewġ bastimenti tal-provvista għal mill-inqas ħames bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża, li lkoll għandhom itajru l-bandiera tal-istess Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri li jużaw bastiment wieħed biss tal-provvista.

4. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn iktar minn bastiment wieħed tal-provvista tal-istess Stat Membru tal-bandiera.

5. L-Unjoni ma għandha ddaħħal l-ebda bastiment addizzjonali tal-provvista jew bastiment ġdid tal-provvista fir-reġistru tal-bastimenti awtorizzati tal-IOTC.";

(4) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 46

Limiti fuq is-sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu qed jistadu fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tagħhom tas-sajd tal-qiegħ u l-qabdiet annwali tagħhom minn dak it-tip ta' sajd għal-livell annwali medju tagħhom għas-snin li fihom il-bastimenti tagħhom kienu qed jistadu f'dik iż-Żona tul perjodu rappreżentattiv li għalih teżisti *data* li ntbagħtet lill-Kummissjoni;

(b) ma jwessgħux il-firxa tad-distribuzzjoni tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ lil hinn miż-żoni fejn sar is-sajd f'dawn l-aħħar snin, minbarra s-sajd bix-xlief u bin-nases;

(c) ma jkunux awtorizzati jistadu fiż-żoni protetti b'mod temporanju ta' Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What u Walter's Shoal, kif iddefinit fl-Anness IK, ħlief bix-xlief u bin-nases u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qed jistadu f'dawk iż-żoni.";

(5) l-Annessi IA, ID, IH u V huma emendati skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President